GRUPP TA' ĦIDMA TAL-ARTIKOLU 29 DWAR IL-PROTEZZJONI TAD-*DATA*

**17/MT**

**WP 253**

# Linji gwida dwar l-applikazzjoni u l-istabbiliment ta' multi amministrattivi għall-finijiet tar-Regolament 2016/679

**Adottati fit-3 ta' Ottubru 2017**

Dan il-Grupp ta' Ħidma twaqqaf skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva 95/46/KE. Huwa korp konsultattiv indipendenti Ewropew dwar il-protezzjoni tad-*data* u l-privatezza. Il-kompiti tiegħu huma deskritti fl-Artikolu 30 tad-Direttiva 95/46/KE u fl-Artikolu 15 tad-Direttiva 2002/58/KE.

Is-segretarjat huwa pprovdut mid-Direttorat C (Drittijiet Fundamentali u Ċittadinanza tal-Unjoni) tal-Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali Ġustizzja, B-1049 Brussell, Il-Belġju, Uffiċċju Nru MO-59 03/075.

Sit web: http://ec.europa.eu/justice/data-protection/index_en.htm

**IL-GRUPP TA’ ĦIDMA DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-INDIVIDWI FIR-RIGWARD TAL-IPPROĊESSAR TA’ *DATA* PERSONALI**

stabbilit mid-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995,

wara li kkunsidra l-Artikoli 29 u 30 tagħha,

wara li kkunsidra r-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

**ADOTTA DAWN IL-LINJI GWIDA:**

# Werrej:


I. Introduzzjoni ... 4

II. Prinċipji ... 5

III. Kriterji ta' valutazzjoni fl-Artikolu 83 (2) ... 9

IV. Konklużjoni ... 18

# I. Introduzzjoni

L-UE lestiet riforma komprensiva tar-regolament dwar il-protezzjoni tad-*data* fl-Ewropa. Ir-riforma tistrieħ fuq diversi pilastri (komponenti ewlenin): regoli koerenti, proċeduri simplifikati, azzjonijiet ikkoordinati, involviment tal-utent, informazzjoni aktar effettiva u setgħat ta' infurzar aktar b'saħħithom.

Il-kontrolluri tad-*data* u l-proċessuri tad-*data* għandhom aktar responsabbiltajiet biex jiżguraw li d-*data* personali tal-individwi tiġi protetta b'mod effettiv. L-awtoritajiet superviżorji għandhom is-setgħat biex jiżguraw li l-prinċipji tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament"), kif ukoll id-drittijiet tal-individwi kkonċernati jiġu rrispettati skont il-formulazzjoni u l-ispirtu tar-Regolament.

L-infurzar konsistenti tar-regoli tal-protezzjoni tad-*data* huwa ċentrali għal reġim armonizzat tal-protezzjoni tad-*data*. Il-multi amministrattivi huma element ċentrali fir-reġim tal-infurzar il-ġdid introdott mir-Regolament, peress li huma parti qawwija tas-sett ta' għodod tal-infurzar tal-awtoritajiet superviżorji flimkien mal-miżuri l-oħra previsti fl-Artikolu 58.

Dan id-dokument huwa maħsub biex jintuża mill-awtoritajiet superviżorji biex jiżguraw applikazzjoni u infurzar aħjar tar-Regolament u jesprimi l-fehim komuni tagħhom tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 83 tar-Regolament kif ukoll l-interazzjoni tiegħu mal-Artikoli 58 u 70 u l-premessi korrispondenti tagħhom.

B'mod partikolari, skont l-Artikolu 70, (1) (e), il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (minn hawn 'il quddiem "EDPB") għandu s-setgħa li joħroġ linji gwida, rakkomandazzjonijiet u l-aħjar prattiki sabiex iħeġġeġ l-applikazzjoni konsistenti ta' dan ir-Regolament, u l-Artikolu 70, (1), (k) jispeċifika d-dispożizzjoni għal linji gwida li jikkonċernaw l-istabbiliment ta' multi amministrattivi.

Dawn il-linji gwida mhumiex eżawrjenti, u lanqas ma huma ser jipprovdu spjegazzjonijiet dwar id-differenzi bejn is-sistemi tal-liġi amministrattiva, ċivili jew kriminali meta jkunu qed jiġu imposti sanzjonijiet amministrattivi b'mod ġenerali.

Sabiex jinkiseb approċċ konsistenti għall-impożizzjoni tal-multi amministrattivi, li jirrifletti b'mod adegwat il-prinċipji kollha f'dawn il-linji gwida, l-EDPB qabel dwar fehim komuni tal-kriterji tal-valutazzjoni fl-Artikolu 83 (2) tar-Regolament u għalhekk l-EDPB u l-awtoritajiet superviżorji individwali jaqblu dwar l-użu ta' dawn il-Linji gwida bħala approċċ komuni.

## II. Prinċipji

Ladarba jkun ġie stabbilit ksur tar-Regolament abbażi tal-valutazzjoni tal-fatti tal-każ, l-awtorità superviżorja kompetenti għandha tidentifika l-aktar miżura/i korrettiva/i xierqa sabiex jiġi indirizzat il-ksur. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 58 (2) b-j[1] jindikaw liema għodod jistgħu jużaw l-awtoritajiet superviżorji sabiex jindirizzaw nuqqas ta' konformità minn kontrollur jew proċessur. Meta jkunu qed jużaw dawn is-setgħat, l-awtoritajiet superviżorji għandhom josservaw il-prinċipji li ġejjin:

### *1. Il-ksur tar-Regolament jeħtieġ li jwassal għall-impożizzjoni ta' "sanzjonijiet ekwivalenti"*

Il-kunċett ta' "ekwivalenza" huwa ċentrali biex jiġi ddeterminat il-grad tal-obbligi tal-awtoritajiet superviżorji biex jiżguraw konsistenza meta jużaw is-setgħat korrettivi tagħhom, skont l-Artikolu 58 (2) b'mod ġenerali, u l-applikazzjoni ta' multi amministrattivi b'mod partikolari[2].

*Sabiex ikun żgurat livell konsistenti u għoli ta' protezzjoni tal-persuni fiżiċi u sabiex jitneħħew l-ostakoli għaċ-ċirkolazzjoni tad-*data *personali fl-Unjoni, **il-livell ta' protezzjoni għandu jkun ekwivalenti** fl-Istati Membri kollha* (premessa 10). Il-premessa 11 telabora l-fatt li livell ekwivalenti ta' protezzjoni tad-data personali fl-Unjoni jeħtieġ, fost oħrajn, "*setgħat ekwivalenti għall-monitoraġġ u l-iżgurar tal-konformità mar-regoli għall-protezzjoni tad-*data *personali u sanzjonijiet ekwivalenti għall-ksur fl-Istati Membri*.". Barra minn dan, sanzjonijiet ekwivalenti fl-Istati Membri kollha kif ukoll il-kooperazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet superviżorji ta' Stati Membri differenti jidhru bħala mod "*sabiex ma jkunx hemm diverġenzi li jfixklu l-moviment liberu tad-*data *personali fis-suq intern*", f'konformità mal-premessa 13 tar-Regolament.

Ir-Regolament jistabbilixxi bażi aktar b'saħħitha mid-Direttiva 95/46/KE għal livell akbar ta' konsistenza peress li r-Regolament huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri. Filwaqt li l-awtoritajiet superviżorji joperaw b'"indipendenza sħiħa" (Artikolu 52) fir-rigward ta' gvernijiet, kontrolluri jew proċessuri nazzjonali, dawn huma meħtieġa li jikkooperaw "*bil-ħsieb li tiġi żgurata l-konsistenza tal-applikazzjoni u l-infurzar ta' dan ir-Regolament*" (Artikolu 57. (1),(g)).

Ir-Regolament jitlob aktar konsistenza mid-Direttiva 95/46 meta jkunu qed jiġu imposti sanzjonijiet. F'każijiet transfruntieri, il-konsistenza għandha tinkiseb primarjament permezz tal-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni (punt uniku ta' servizz) u sa ċertu punt permezz tal-mekkaniżmu ta' konsistenza stipulat mir-Regolament il-ġdid.

Fil-każijiet nazzjonali koperti mir-Regolament, l-awtoritajiet superviżorji ser japplikaw dawn il-linji gwida fl-ispirtu tal-kooperazzjoni skont l-Artikolu 57, 1 (g) u l-Artikolu 63, bl-għan li tiġi żgurata l-konsistenza tal-applikazzjoni u l-infurzar tar-Regolament. Minkejja li l-awtoritajiet superviżorji jibqgħu indipendenti fl-għażla tagħhom tal-miżuri korrettivi ppreżentati fl-Artikolu 58 (2), jeħtieġ li jiġi evitat li jintgħażlu miżuri korrettivi differenti mill-awtoritajiet superviżorji f'każijiet simili.

L-istess prinċipju japplika meta dawn il-miżuri korrettivi jiġu imposti fil-forma ta' multi.

---

[1] L-Artikolu 58 (2) a jipprevedi li jistgħu jinħarġu twissijiet meta "l-operazzjonijiet ta' pproċessar x'aktarx jiksru dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament". Fi kliem ieħor, fil-każ kopert mid-dispożizzjoni, il-ksur tar-Regolament għadu ma seħħx.

[2] Anki meta l-ordinamenti ġuridiċi f'xi pajjiżi tal-UE ma jippermettux l-impożizzjoni ta' multi amministrattivi kif stabbilit fir-Regolament, din l-applikazzjoni tar-regoli f'dawk l-Istati Membri jeħtieġ li jkollha effett ekwivalenti għall-multi amministrattivi imposti mill-awtoritajiet superviżorji (premessa 151). Il-Qrati huma marbutin bir-Regolament iżda mhumiex marbutin b'dawn il-linji gwida tal-EDPB.

## *2. Bħall-miżuri korrettivi kollha magħżula mill-awtoritajiet superviżorji, il-multi amministrattivi jeħtieġ li jkunu "effettivi, proporzjonati u dissważivi".*

Bħall-miżuri korrettivi kollha b'mod ġenerali, il-multi amministrattivi jeħtieġ li jirrispondu b'mod adegwat għan-natura, is-serjetà u l-konsegwenzi tal-ksur, u l-awtoritajiet superviżorji għandhom jivvalutaw il-fatti kollha tal-każ b'mod li jkun konsistenti u oġġettivament ġustifikat. Il-valutazzjoni ta' x'inhu effettiv, proporzjonat u disswaživ f'kull każ ser ikollha tirrifletti wkoll l-objettiv segwit mill-miżura korrettiva magħżula, li huwa jew li terġa' tiġi stabbilita konformità mar-regoli, jew li tiġi kkastigata mġiba illegali (jew it-tnejn).

L-awtoritajiet superviżorji għandhom jidentifikaw miżura korrettiva li tkun "*effittiva, proporzjonata u dissważiva*" (Artikolu 83 (1)), kemm f'każijiet nazzjonali (Artikolu 55) kif ukoll f'każijiet li jinvolu l-ipproċessar transfruntier ta' *data* personali (kif iddefinit fl-Artikolu 4 (23)).

Dawn il-linji gwida jirrikonoxxu li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tista' tistabbilixxi rekwiżiti addizzjonali fuq il-proċedura tal-infurzar li għandhom jiġu segwiti mill-awtoritajiet superviżorji. Dan jista' jinkludi, pereżempju notifiki dwar l-indirizz, il-formola, l-iskadenzi biex isiru rappreżentazzjonijiet, l-appell, l-infurzar, il-pagament[3].

Madankollu, fil-prattika dawn ir-rekwiżiti ma għandhomx ixekklu milli jinksbu l-effettività, l-proporzjonalità u d-dissważività.

Determinazzjoni aktar preċiża tal-effettività, tal-proporzjonalità jew tad-dissważività ser tiġi ġġenerata mill-prattika emerġenti fl-awtoritajiet superviżorji (dwar il-protezzjoni tad-*data*, kif ukoll tagħlimiet meħuda minn setturi regolatorji oħra) kif ukoll mill-każistika meta dawn il-prinċipji jkunu qed jiġu interpretati.

Sabiex timponi multi li jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi, l-awtorità superviżorja, sabiex tiddefinixxi l-kunċett ta' impriża kif previst mill-QtĠ għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 101 u 102 tat-TFUE, għandha primarjament tuża l-kunċett li impriża **hija mifhuma li tfisser** unità ekonomika, li tista' tiġi ffurmata mill-kumpanija omm u mis-sussidjarji kollha involuti. Skont il-liġi tal-UE u l-każistika[4], impriża għandha tinftiehem bħala l-unità ekonomika, li tinvolvi ruħha f'attivitajiet kummerċjali/ekonomiċi, irrispettivament mill-persuna ġuridika involuta (Premessa 150).

## *3. L-awtorità superviżorja kompetenti ser tagħmel valutazzjoni "f'kull każ individwali".*

Jistgħu jiġu imposti multi amministrattivi bħala risposta għal firxa wiesgħa ta' ksur. L-Artikolu 83 tar-Regolament jagħti approċċ armonizzat għal ksur tal-obbligi espressament imniżżla fil-paragrafi (4)-

[3] Bħala eżempju, il-qafas kostituzzjonali u l-abbozz tal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* tal-Irlanda jipprevedu li tintlaħaq deċiżjoni formali dwar il-fatt tal-ksur innifsu, li tiġi kkomunikata lill-partijiet rilevanti, qabel valutazzjoni tal-iskala tas-sanzjoni(jiet). Id-deċiżjoni dwar il-fatt tal-ksur innifsu ma tistax terġa' tiġi rieżaminata waqt il-valutazzjoni tal-iskala tas-sanzjoni(jiet).

[4] Id-definizzjoni tal-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja hija: "il-kunċett ta' intrapriża jiġbor taħtu kull entità li twettaq attività ekonomika, irrispettivament mill-istatus legali tal-entità u l-mod kif din tkun iffinanzjata" (Il-kawża Höfner u Elsner, punt 21, ECLI:EU:C:1991:161). It-terminu impriża "għandu jinftiehem li jfisser unità ekonomika anki jekk, mill-perspettiva ġuridika, din l-unità ekonomika hija magħmula minn diversi persuni fiżiċi jew ġuridiċi" (Il-kawża Confederación Española de Empresarios de Estaciones de Servicio [punt 40, ECLI:EU:C:2006:784).

(6). Il-liġi ta' Stat Membru tista' testendi l-applikazzjoni tal-Artikolu 83 lill-awtoritajiet u lill-korpi pubbliċi stabbiliti f'dak l-Istat Membru. Barra minn hekk, il-liġi ta' Stat Membru tista' tippermetti jew anki tawtorizza l-impożizzjoni ta' multa għal ksur jew dispożizzjonijiet oħra minn dawk imsemmija fl-Artikolu 83 (4)-(6).

Ir-Regolament jeħtieġ valutazzjoni ta' kull każ individwalment[5]. L-Artikolu 83 (2) hu l-punt tat-tluq għal din il-valutazzjoni individwali. Il-paragrafu jistqarr "*meta jiġi deċiż jekk għandhiex tiġi imposta multa amministrattiva u jiġi deċiż l-ammont tal-multa amministrattiva, f'kull każ individwali, għandha tingħata konsiderazzjoni dovuta lil dawn li ġejjin…*"Għaldaqstant, u anki fid-dawl tal-Premessa 148[6], l-awtorità superviżorja għandha r-responsabbiltà li tagħżel l-aktar miżura/i xierqa. Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 83 (4) – (6), din l-għażla **għandha** tinkludi kunsiderazzjoni tal-miżuri korrettivi kollha, li tkun tinkludi kunsiderazzjoni tal-impożizzjoni tal-multa amministrattiva xierqa, jew li takkompanja miżura korrettiva taħt l-Artikolu 58(2) jew waħedha.

Il-multi huma għodda importanti li l-awtoritajiet superviżorji jeħtieġ li jużaw f'ċirkostanzi xierqa. L-awtoritajiet superviżorji huma mħeġġa jużaw approċċ ikkunsidrat u bbilanċjat meta jużaw miżuri korrettivi, sabiex jiksbu kemm reazzjoni effettiva u dissważiva kif ukoll reazzjoni proporzjonata għall-ksur. Il-punt huwa li l-multi ma jiġux ikkwalifikati bħala l-aħħar soluzzjoni, lanqas li l-awtoritajiet joqogħdu lura milli joħorġu multi, iżda min-naħa l-oħra li ma jużawhomx b'tali mod li jnaqqas l-effettività tagħhom bħala għodda.

L-EDPB, meta jkun kompetenti skont l-Artikolu 65 tar-Regolament, ser joħroġ deċiżjoni vinkolanti dwar it-tilwim bejn l-awtoritajiet b'mod partikolari fir-rigward tad-determinazzjoni tal-eżistenza ta' ksur. Meta l-oġġezzjoni rilevanti u motivata tqajjem il-kwistjoni tal-konformità tal-miżura korrettiva mal-GDPR, id-deċiżjoni tal-EDPB ser tiddiskuti wkoll kif il-prinċipji tal-effettività, tal-proporzjonalità u tad-deterrenza jiġu osservati fil-multa amministrattiva proposta fl-abbozz ta' deċiżjoni tal-awtorità superviżorja kompetenti. Il-gwida tal-EDPB dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 65 tar-Regolament ser issegwi b'mod separat għal aktar dettalji dwar it-tip ta' deċiżjoni li għandha tittieħed mill-EDPB.

---

[5] Minbarra l-applikazzjoni tal-kriterji tal-Artikolu 83 hemm dispożizzjonijiet oħra li jsaħħu l-pedamenti ta' dan l-approċċ, bħal:

- il-premessa 141 "*l-investigazzjoni b'segwitu talment għandha titwettaq, soġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju, sal-punt li huwa adegwat fil-każ speċifiku.*"
- il-premessa 129 "*Is-setgħat tal-awtoritajiet superviżorji għandhom jiġu eżerċitati f'konformità ma' salvagwardji proċedurali xierqa stabbiliti fil-liġi tal-Unjoni u fil-liġijiet tal-Istati Membri, b'mod imparzjali, ġust u fil-mument opportun. B'mod partikolari, kull miżura għandha tkun xierqa, meħtieġa u proporzjonata sabiex tiġi żgurata l-konformità ma' dan ir-Regolament, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi ta' kull każ individwali…*".
- l-Artikolu 57(1) (f) " *tittratta lmenti mressqa minn suġġett tad-*data*, jew minn korp, organizzazzjoni jew assoċjazzjoni f'konformità mal-Artikolu 80, u tinvestiga, sa fejn ikun xieraq, is-suġġett tal-ilment.*"

[6] "*Sabiex jissaħħaħ l-infurzar tar-regoli ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu imposti pieni inklużi multi amministrattivi għal kwalunkwe ksur ta' dan ir-Regolament, flimkien mal-miżuri adatti imposti mill-awtorità superviżorja skont dan ir-Regolament jew minflokhom. F'każ ta' ksur minuri jew jekk il-multa li x'aktarx li tiġi imposta tikkostitwixxi piż sproporzjonat għal persuna fiżika, tista' tinħareġ twissija minflok multa. Madankollu, għandha tingħata l-kunsiderazzjoni dovuta għan-natura, is-serjetà u d-dewmien tal-ksur, il-karattru intenzjonali tal-ksur, l-azzjonijiet meħuda biex itaffu d-danni sofruti, il-grad ta' responsabbiltà jew kwalunkwe ksur preċedenti rilevanti, il-mod li bih il-ksur sar magħruf mill-awtorità superviżorja, il-konformità ma' miżuri ordnati kontra l-kontrollur jew il-proċessur, l-aderenza għal kodiċi ta' kondotta u kwalunkwe fattur aggravanti jew mitiganti ieħor. L-impożizzjoni ta' pieni inklużi multi amministrattivi għandha tkun soġġetta għal salvagwardji proċedurali adatti f'konformità mal-prinċipji ġenerali tal-liġi tal-Unjoni u l-Karta, inkluż protezzjoni ġudizzjarja effettiva u proċess ġust*".

## *4. Approċċ armonizzat għall-multi amministrattivi fil-qasam tal-protezzjoni tad-*data *jeħtieġ parteċipazzjoni attiva u skambju tal-informazzjoni bejn l-Awtoritajiet Superviżorji*

Dawn il-linji gwida jirrikonoxxu li, għal xi awtoritajiet superviżorji nazzjonali, is-setgħat għall-ħruġ tal-multi jirrappreżentaw novità fil-qasam tal-protezzjoni tad-*data*, li tqajjem diversi kwistjonijiet f'termini tar-riżorsi, l-organizzazzjoni u l-proċedura. B'mod partikolari, id-deċiżjonijiet li fihom l-awtoritajiet superviżorji jeżerċitaw is-setgħat għall-ħruġ tal-multi mogħtija lilhom ser ikunu soġġetti għal appell quddiem il-qrati nazzjonali.

L-awtoritajiet superviżorji għandhom jikkooperaw ma' xulxin u, fejn ikun rilevanti, mal-Kummissjoni Ewropea permezz tal-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni kif stipulat fir-Regolament sabiex jiġu appoġġjati skambji formali u informali tal-informazzjoni, bħal permezz ta' sessjonijiet ta' ħidma regolari. Din il-kooperazzjoni tiffoka fuq l-esperjenza u l-prattika tagħhom fl-applikazzjoni tas-setgħat għall-ħruġ tal-multi biex fl-aħħar mill-aħħar tinkiseb aktar konsistenza.

Din il-kondiviżjoni proattiva tal-informazzjoni, flimkien mal-każistika emerġenti dwar l-użu ta' dawn is-setgħat, tista' twassal biex dawn il-prinċipji jew tad-dettalji partikolari ta' dawn il-linji gwida jiġu rieżaminati.

## III. Kriterji ta' valutazzjoni fl-Artikolu 83 (2)

L-Artikolu 83 (2) jagħti lista ta' kriterji li l-awtoritajiet superviżorji huma mistennija li jużaw fil-valutazzjoni kemm dwar jekk multa għandhiex tiġi imposta kif ukoll dwar l-ammont tal-multa. Dan ma jirrakkomandax valutazzjoni ripetuta tal-istess kriterji, iżda valutazzjoni li tikkunsidra ċ-ċirkostanzi kollha ta' kull każ individwali, kif previst mill-Artikolu 83[7].

Il-konklużjonijiet li ntlaħqu fl-ewwel stadju tal-valutazzjoni jistgħu jintużaw fit-tieni parti li tikkonċerna l-ammont tal-multa, biex b'hekk tiġi evitata l-ħtieġa li ssir valutazzjoni bl-użu ripetut tal-istess kriterji.

Din it-taqsima tagħti gwida lill-awtoritajiet superviżorji dwar kif jinterpretaw il-fatti individwali tal-każ fid-dawl tal-kriterji fl-Artikolu 83 (2).

### *(a) in-natura, is-serjetà u d-dewmien tal-ksur*

Kważi l-obbligi kollha tal-kontrolluri u tal-proċessuri skont ir-Regolament huma kategorizzati skont in-**natura** tagħhom fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 83(4) – (6). Ir-Regolament, bl-istabbiliment ta' żewġ ammonti massimi differenti ta' multa amministrattiva (10/20 miljun EUR), diġà jindika li ksur ta' xi dispożizzjonijiet tar-Regolament jista' jkun aktar serju milli għal dispożizzjonijiet oħra. Madankollu, l-awtorità superviżorja kompetenti, jekk tivvaluta l-fatti tal-każ fid-dawl tal-kriterji ġenerali previsti fl-Artikolu 83 (2), tista' tiddeċiedi li fil-każ partikolari jkun hemm ħtieġa akbar jew inqas li tirreaġixxi permezz ta' miżura korrettiva fil-forma ta' multa. Meta multa tkun ġiet magħżula bħala l-miżura korrettiva jew bħala waħda minn diversi miżuri korrettivi xierqa, ser tiġi applikata s-sistema stratifikata tar-Regolament (l-Artikolu 83 (4) - 83 (6)) sabiex tiġi identifikata l-multa massima li tista' tiġi imposta skont in-natura tal-ksur inkwistjoni.

Il-premessa 148 tintroduċi l-kunċett ta' "ksur minuri". Dan il-ksur jista' jikkostitwixxi ksur ta' dispożizzjoni waħda jew diversi dispożizzjonijiet tar-Regolament elenkati fl-Artikolu 83 (4) jew (5). Madankollu, il-valutazzjoni tal-kriterji fl-Artikolu 83 (2) tista' twassal lill-awtorità superviżorja biex temmen li fiċ-ċirkostanzi konkreti tal-każ, il-ksur, pereżempju, ma joħloqx riskju sinifikanti għad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* kkonċernati u ma jaffettwax l-essenza tal-obbligu inkwistjoni. F'dawn il-każijiet, il-multa tista' (iżda mhux dejjem) tiġi sostitwita minn twissija.

Il-premessa 148 ma tinkludix obbligu biex l-awtorità superviżorja tissostitwixxi dejjem multa bi twissija fil-każ ta' ksur minuri (" *tista' tinħareġ twissija minflok multa*"), iżda minflok possibbiltà li tkun disponibbli, wara valutazzjoni konkreta taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Il-premessa 148 tagħmilha possibbli li multa tiġi sostitwita minn twissija, fejn il-kontrollur tad-*data* jkun persuna fiżika u l-multa li aktarx tiġi imposta tkun tikkostitwixxi piż sproporzjonat. Il-punt tat-tluq huwa li l-awtorità superviżorja għandha tivvaluta jekk, meta tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ inkwistjoni, hix meħtieġa l-impożizzjoni ta' multa. Jekk din tkun favur l-impożizzjoni ta' multa, l-awtorità superviżorja mbagħad għandha tivvaluta wkoll jekk il-multa li għandha tiġi imposta tikkostitwixxix piż sproporzjonat lil persuna fiżika.

Fir-Regolament, ksur speċifiku ma jingħatax prezz speċifiku, iżda biss limitu (ammont massimu). Dan jista' jindika grad relattivament inqas serju għal ksur tal-obbligi elenkati fl-Artikolu 83(4), meta mqabbla ma' dawk stabbiti fl-Artikolu 83(5). Madankollu, ir-reazzjoni effettiva, proporzjonata u dissważiva għal ksur tal-Artikolu 83(5) ser tiddependi fuq iċ-ċirkostanzi tal-każ.

---

[7] Il-valutazzjoni tas-sanzjoni li għandha tiġi applikata tista' tasal b'mod separat wara l-valutazzjoni dwar jekk kienx hemm ksur minħabba regoli proċedurali nazzjonali li jirriżultaw minn rekwiżiti kostituzzjonali f'ċerti pajjiżi. Għalhekk, dan jista' jillimita l-kontenut u l-ammont ta' dettall f'abbozz ta' deċiżjoni maħruġ minn awtorità superviżorja f'dawn il-pajjiżi.

Għandu jiġi nnotat li ksur tar-Regolament, li minħabba n-natura tiegħu jista' jaqa' fil-kategorija "sa EUR 10 miljun jew sa 2% tal-fatturat annwali dinji totali", kif stipulat fl-Artikolu 83(4), jista' jispiċċa jikkwalifika għal kategorija ta' livell ogħla (EUR 20 miljun) f'ċerti ċirkostanzi. Dan aktarx iseħħ meta tali ksur ikun ġie indirizzat qabel f'ordni mill-awtorità superviżorja, ordni[8] li l-kontrollur jew il-proċessur naqas milli jikkonforma magħha[9] (l-Artikolu 83 (6)). Id-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali fil-prattika jista' jkollhom impatt fuq din il-valutazzjoni[10]. In-natura tal-ksur, iżda anki "*l-ambitu, il-fini tal-ipproċessar ikkonċernat kif ukoll l-għadd ta' suġġetti tad*-data *affettwati u l-livell ta' dannu mġarrab minnhom*", ser jagħtu indikazzjoni tas-**gravità** tal-ksur. L-okkorrenza ta' ħafna ksur differenti li twettqu flimkien f'każ wieħed partikolari jfisser li l-awtorità superviżorja tista' tapplika l-multi amministrattivi f'livell li jkun effettiv, proporzjonat u dissważiv fil-limitu tal-aktar ksur gravi. Għalhekk, jekk ikun ġie skopert ksur tal-Artikolu 8 u tal-Artikolu 12, l-awtorità superviżorja mbagħad tkun tista' tapplika l-miżuri korrettivi kif stipulat fl-Artikolu 83(5) li jikkorrispondu għall-kategorija tal-aktar ksur gravi, b'mod partikolari l-Artikolu 12. Aktar dettall f'dan l-istadju jmur lil hinn mill-ambitu ta' dawn il-linji gwida partikolari (peress li x-xogħol ta' kalkolu dettaljat jkun il-mira ta' stadju sussegwenti potenzjali ta' dawn il-linji gwida).

Il-fatturi ta' hawn taħt għandhom jiġu vvalutati flimkien ma' eż. l-għadd ta' suġġetti tad-*data* flimkien mal-impatt possibbli fuqhom.

**L-għadd** ta' suġġetti tad-*data* involuti għandu jiġi vvalutat, sabiex jiġi identifikat jekk dan ikunx avveniment iżolat jew jurix sintomi ta' ksur aktar sistemiku jew nuqqas ta' rutini adegwati fis-seħħ. Dan ma jfissirx li avvenimenti iżolati ma' għandhomx ikunu infurzati, peress li avveniment iżolat xorta jista' jaffettwa għadd kbir ta' suġġetti tad-*data*. Skont iċ-ċirkostanzi tal-każ, dan ser ikun relatat ma', pereżempju, l-għadd totali ta' reġistranti fil-bażi tad-*data* inkwistjoni, l-għadd ta' utenti ta' servizz, l-għadd ta' klijenti, jew relatat mal-popolazzjoni tal-pajjiż, kif ikun xieraq.

---

[8] L-ordnijiet li tagħti l-awtorità superviżorja, previsti fl-Artikolu 58 (2) huma:

- li tordna lill-kontrollur jew il-proċessur jikkonforma mat-talbiet tas-suġġett tad-*data* li jeżerċita d-drittijiet tiegħu skont dan ir-Regolament;
- li tordna lill-kontrollur jew il-proċessur jagħmel operazzjonijiet ta' pproċessar konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, fejn xieraq, b'mod speċifiku u f'perjodu ta' żmien speċifiku;
- li tordna lill-kontrollur jikkomunika ksur ta' *data* personali lis-suġġett tad-*data*;
- li timponi limitazzjoni temporanja jew definittiva inkluża projbizzjoni fuq l-ipproċessar;
- li tordna r-rettifika jew it-tħassir ta' *data* personali jew ir-restrizzjoni tal-ipproċessar skont l-Artikoli 16, 17 u 18 u n-notifika ta' tali azzjonijiet lir-riċevituri li lilhom tkun ġiet żvelata d-*data* personali skont l-Artikolu 17(2) u l-Artikolu 19;
- li tordna lill-korp taċ-ċertifikazzjoni biex jirtira ċertifikazzjoni maħruġa skont l-Artikolu 42 u 43, jew li tordna lill-korp taċ-ċertifikazzjoni biex ma joħroġx ċertifikazzjoni jekk ma jkunux jew ma jibqgħux issodisfati r-rekwiżiti għaċ-ċertifikazzjoni;
- li tordna s-sospensjoni ta' flussi ta' *data* lejn riċevitur f'pajjiż terz jew lejn organizzazzjoni internazzjonali.

[9] Jeħtieġ li l-applikazzjoni tal-Artikolu 83(6) tikkunsidra l-liġi nazzjonali dwar il-proċedura. Il-liġi nazzjonali tiddetermina kif tinħareġ ordni, kif din tiġi notifikata, minn meta tidħol fis-seħħ, jekk hemmx perjodu ta' grazzja biex issir ħidma fuq il-konformità. B'mod partikolari, għandu jiġi kkunsidrat l-effett ta' appell fuq l-eżegwibbiltà ta' ordni.

[10] Dispożizzjonijiet statutorji ta' limitazzjoni jistgħu jwasslu biex ordni preċedenti tal-awtorità superviżorja ma tkunx tista' tibqa' tiġi kkunsidrata minħabba l-ammont ta' ħin li jkun għadda minn meta nħarġet dik l-ordni preċedenti. F'ċerti ġurisdizzjonijiet, ir-regoli jeħtieġu li wara li jkun għadda l-perjodu ta' preskrizzjoni fir-rigward ta' ordni, l-ebda multa ma' tkun tista' tiġi imposta għal nuqqas ta' konformità ma' dik l-ordni taħt l-Artikolu 83(6). L-awtoritajiet superviżorji f'kull ġurisdizzjoni ser ikunu responsabbli biex jiddeterminaw kif dawn l-impatti ser jaffettwawhom.

**L-iskop** tal-ipproċċesar ukoll għandu jiġi vvalutat. L-opinjoni tad-WP 29 dwar il-"limitazzjoni tal-iskop"[11] preċedentement analizzat iż-żewġ pedamenti ewlenin ta' dan il-prinċipju fil-liġi dwar il-protezzjoni tad-*data*: l-ispeċifikazzjoni tal-iskop u l-użu kompatibbli. Meta jkunu qed jivvalutaw l-iskop tal-ipproċessar fil-kuntest tal-Artikolu 83 (2), l-awtoritajiet superviżorji jeħtieġ li janalizzaw il-punt sa fejn l-ipproċessar iħares iż-żewġ komponenti ewlenin ta' dan il-prinċipju[12]. F'ċerti sitwazzjonijiet, l-awtorità superviżorja tista' tqis li jeħtieġ li tikkunsidra analiżi aktar fil-fond tal-iskop tal-ipproċessar innifsu fl-analiżi tal-Artikolu 83 (2).

Jekk is-suġġetti tad-*data* jkunu ġarrbu **dannu**, il-livell tad-dannu jrid jiġi kkunsidrat. L-ipproċessar tad-*data* personali jista' jiġġenera riskji għad-drittijiet u l-libertajiet tal-individwu, kif muri bil-premessa 75:

> "*Ir-riskji għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi, bi probabbiltà u gravità li jvarjaw, jistgħu jirriżultaw mill-ipproċessar ta'*data *personali li tista' twassal għal dannu fiżiku, materjali jew mhux materjali, b'mod partikolari: fejn l-ipproċessar jista' jagħti lok għal diskriminazzjoni, serq ta' identità jew frodi, telf finanzjarju, dannu għar-reputazzjoni, telf ta' kunfidenzjalità ta'* data *personali protetta mis-segretezza professjonali, it-treġġigħ lura mhux awtorizzat tal-psewdonimizzazzjoni, jew kwalunkwe żvantaġġ ekonomiku jew soċjali sinifikanti ieħor; fejn is-suġġetti tad-*data *jistgħu jiġu mċaħħda mid-drittijiet u l-libertajiet tagħhom jew impediti milli jeżerċitaw kontroll fuq id-*data *personali tagħhom; fejn tiġi pproċessata* data *personali li tiżvela l-oriġini razzjali jew etnika, l-opinjonijiet politiċi, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, is-sħubija fi trade union, u l-ipproċessar ta'* data *ġenetika,* data *dwar is-saħħa jew* data *dwar il-ħajja sesswali jew kundanni kriminali u reati jew miżuri ta' sigurtà relatati; fejn l-aspetti personali jiġu evalwati, b'mod partikolari l-analiżi jew it-tbassir ta' aspetti rigward il-prestazzjoni fuq ix-xogħol, is-sitwazzjoni ekonomika, is-saħħa, il-preferenzi jew l-interessi personali, l-affidabbiltà jew l-imġiba, il-lokalizzazzjoni jew il-movimenti, sabiex jinħolqu jew jintużaw profili personali; fejn tiġi proċessata* data *personali ta' persuni fiżiċi vulnerabbli, b'mod partikolari ta' tfal; jew fejn l-ipproċessar jinvolvi ammont kbir ta'* data *personali u jaffettwa numru kbir ta' suġġetti tad-*data."

Jekk ġew imġarrba jew aktarx li ser jiġġarrbu danni minħabba l-ksur tar-Regolament, l-awtorità superviżorja jeħtieġ li tikkunsidra dan meta tagħżel il-miżura korrettiva, minkejja li l-awtorità superviżorja nfisha mhijiex kompetenti biex tagħti kumpens speċfiku għad-dannu mġarrab.

L-impożizzjoni ta' multa ma tiddependix fuq il-kapaċità tal-awtorità superviżorja li tistabbilixxi rabta ta' kawżalità bejn il-ksur u t-telf materjali (ara pereżempju l-Artikolu 83 (6)).

**Id-durata** tal-ksur tista' turi, pereżempju:

a) imġiba volontarja min-naħa tal-kontrollur tad-*data*, jew

b) nuqqas ta' implimentazzjoni ta' miżuri preventivi xierqa, jew

c) inabbiltà li jiddaħħlu fis-seħħ il-miżuri tekniċi u organizzattivi meħtieġa.

*(b) il-karattru intenzjonali jew negliġenti tal-ksur*

B'mod ġenerali, "intenzjoni" tinkludi kemm għarfien kif ukoll xewqa fir-rigward tal-karatteristiċi ta' reat, filwaqt li "mingħajr intenzjoni" tfisser li ma kienx hemm l-intenzjoni li jiġi kkawżat il-ksur, minkejja li l-kontrollur/il-proċessur ikun kiser l-obbligu ta' diliġenza li huwa meħtieġ fil-liġi.

[11] WP 203, Opinjoni 03/2013 dwar il-limitazzjoni tal-iskop, disponibbli fuq: http://ec.europa.eu/justice/data-protection/article-29/documentation/opinion-recommendation/files/2013/wp203_en.pdf

[12] Ara wkoll WP 217, 6/2014 dwar il-kunċett ta' interess leġittimu tal-kontrollur tad-*data* taħt l-Artikolu 7, paġna 24, dwar il-mistoqsija: "X'inhu dak li jagħmel interess "leġittimu" jew "illeġittimu"?"

B'mod ġenerali huwa ammess li ksur intenzjonali, li juri disprezz għad-dispożizzjonijiet tal-liġi, huwa aktar gravi minn dak mhux intenzjonali u għalhekk huwa aktar probabbli li jiġġustifika l-applikazzjoni ta' multa amministrattiva. Il-konklużjonijiet rilevanti dwar l-intenzjoni jew in-negliġenza ser jitfasslu abbażi tal-identifikazzjoni ta' elementi oġġettivi tal-kondotta miġbura mill-fatti tal-każ. Barra minn hekk, il-każistika u l-prattika emerġenti fil-qasam tal-protezzjoni tad-*data* taħt l-applikazzjoni tar-Regolament ser juru ċ-ċirkostanzi li jindikaw livelli limiti aktar ċari biex jiġi vvalutat jekk ksur kienx intenzjonali.

Iċ-ċirkostanzi li jindikaw ksur intenzjonali jistgħu jkunu pproċessar illegali awtorizzat espliċitament mill-ogħla ġerarkija tat-tmexxija tal-kontrollur, jew minkejja parir mill-uffiċjal tal-protezzjoni tad-*data* jew li jinjora l-politiki eżistenti, pereżempju l-kisba u l-ipproċessar ta' *data* dwar l-impjegati f'kompetitur bl-intenzjoni li dak il-kompetitur jiġi skreditat fis-suq.

Eżempji oħra hawnhekk jistgħu jkunu:

- l-emendar tad-*data* personali biex tingħata impressjoni (pożittiva) qarrieqa dwar jekk il-miri jkunux intlaħqu - dan rajnieh fil-kuntest ta' miri li jirrigwardaw il-ħinijiet ta' stennija fl-isptarijiet
- in-negozjar ta' *data* personali għal skop ta' kummerċjalizzazzjoni, jiġifieri l-bejgħ ta' *data* bħala "fakultattiva" mingħajr ma jiġu ċċekkjati/mingħajr ma jitqiesu l-fehmiet tas-suġġetti tad-*data* dwar kif għandha tintuża d-*data* tagħhom

Ċirkostanzi oħra, bħan-nuqqas ta' qari u rispett ta' politiki eżistenti, żball uman, in-nuqqas ta' tfittxija għal *data* personali fl-informazzjoni li tiġi ppubblikata, in-nuqqas ta' applikazzjoni ta' aġġornamenti tekniċi fi żmien xieraq, in-nuqqas ta' adozzjoni ta' politiki (aktar minn sempliċi nuqqas li jiġu applikati) jistgħu jindikaw negliġenza.

L-intrapriżi għandhom ikunu reponsabbli biex jadottaw strutturi u riżorsi adegwati għan-natura u l-kumplessità tan-negozju tagħhom. Għaldaqstant, il-kontrolluri u l-proċessuri ma jistgħux jilleġitimizzaw ksur tal-liġi dwar il-protezzjoni tad-*data* billi jiddikjaraw nuqqas ta' riżorsi. Skont ir-Regolament, ir-rutini u d-dokumentazzjoni tal-attivitajiet tal-ipproċessar isegwu approċċ ibbażat fuq ir-riskju.

Hemm oqsma mhux ċari li ser jaffettwaw it-teħid tad-deċiżjonijiet fir-rigward ta' jekk tiġix imposta miżura korrettiva jew le, u l-awtorità tista' tkun meħtieġa tagħmel investigazzjoni aktar estensiva biex taċċerta l-fatti tal-każ u biex tiżgura li ċ-ċirkostanzi speċifiċi kollha ta' kull każ invididwali jkunu ġew ikkunsidrati b'mod adegwat.

*(c) kwalunkwe azzjoni meħuda mill-kontrollur jew mill-proċessur biex jittaffa d-dannu mġarrab mis-suġġetti tad-*data*;*

Il-kontrolluri u l-proċessuri tad-*data* għandhom obbligu li jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzattivi sabiex jiġi żgurat livell ta' sigurtà xieraq għar-riskju, li jwettqu valutazzjonijiet tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-*data* u li jtaffu r-riskji li jirriżultaw mill-ipproċessar tad-*data* personali għad-drittijiet u l-libertajiet tal-individwi. Madankollu, meta jseħħ ksur u s-suġġett tad-*data* jkun sofra dannu, il-parti responsabbli jeħtieġ li tagħmel dak kollu li tista' sabiex tnaqqas il-konsegwenzi tal-ksur għall-individwu/i kkonċernat/i. Din l-imġiba responsabbli (jew in-nuqqas tagħha) tiġi kkunsidrata mill-awtorità superviżorja fl-għażla tagħha tal-miżura/i korrettiva/i kif ukoll fil-kalkolu tas-sanzjoni li għandha tiġi imposta fil-każ speċifiku.

Minkejja li fatturi aggravanti jew mitiganti huma partikolarment adattati biex jiġi rfinat l-ammont ta' multa għaċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, ir-rwol tagħhom fl-għażla tal-miżura korrettiva xierqa ma' għandux jiġi sottovalutat. F'każijiet fejn il-valutazzjoni bbażata fuq kriterji oħra tħalli lill-awtorità superviżorja f'dubju dwar l-adegwatezza ta' multa amministrattiva, bħala miżura korrettiva waħedha,

jew flimkien ma' miżuri oħra fl-Artikolu 58, dawn iċ-ċirkostanzi aggravanti jew attenwanti jistgħu jgħinu fl-għażla tal-miżuri xierqa billi jxaqilbu l-bilanċ favur dak li jirriżulta li jkun aktar effettiv, proporzjonat u dissważiv fil-każ partikolari.

Din id-dispożizzjoni taġixxi bħala valutazzjoni tal-grad ta' responsabbiltà tal-kontrollur wara li jkun seħħ il-ksur. Din tista' tkopri każijiet fejn jidher b'mod ċar li l-kontrollur/il-proċessur ma jkunx ħa approċċ traskurat/negliġenti iżda fejn ikun għamel dak kollu li seta' sabiex jikkoreġi l-azzjonijiet tiegħu meta sar jaf bil-ksur.

L-esperjenza regolatorja tal-passat minn awtoritajiet superviżorji taħt id-Direttiva 95/46/KE uriet li jista' jkun xieraq illi jintwera grad ta' flessibbiltà lil dawk il-kontrolluri/il-proċessuri tad-*data* li ammettew għall-ksur tagħhom u li ħadu responsabbiltà biex jikkoreġu jew jillimitaw l-impatt tal-azzjonijiet tagħhom. Dan jista' jinkludi eżempji bħal (madankollu dan ma jwassalx għal approċċ aktar flessibli f'kull każ):

- kuntatt ma' kontrolluri/proċessuri oħra li setgħu kienu involuti f'estensjoni tal-ipproċessar eż. jekk kien hemm parti tad-*data* li ġiet kondiviża bi żball ma' partijiet terzi.
- azzjoni f'waqtha li ttieħdet mill-kontrollur/proċessur tad-*data* biex il-ksur jitwaqqaf milli jkompli jew jespandi għal livell jew fażi li kien ikollhom impatt ħafna aktar serju minn kemm kellhom.

*(d) il-grad ta' responsabbiltà tal-kontrollur jew tal-proċessur b'kont meħud tal-miżuri tekniċi u organizzattivi implimentati minnu skont l-Artikoli 25 u 32;*

Ir-Regolament introduċa livell ferm ogħla ta' kontabbiltà tal-kontrollur tad-*data* meta mqabbel mad-Direttiva 95/46/KE dwar il-Protezzjoni tad-*Data* tal-KE.

Il-grad tar-responsabbiltà tal-kontrollur jew tal-proċessur ivvalutat fl-isfond ta' applikazzjoni ta' miżura korrettiva xierqa jista' jinkludi:

- Il-kontrollur implimenta miżuri tekniċi li jsegwu l-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data* mid-disinn jew b'mod awtomatiku (Artikolu 25)?
- Il-kontrollur implimenta miżuri organizzattivi li jagħtu effett lill-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data* mid-disinn u b'mod awtomatiku (Artikolu 25) fil-livelli kollha tal-organizzazzjoni?
- Il-kontrollur/proċessur implimenta livell xieraq ta' sigurtà (Artikolu 32)?
- Ir-rutini/il-politiki rilevanti tal-protezzjoni tad-*data* huma magħrufin u applikati fil-livell xieraq tal-ġestjoni fl-organizzazzjoni? (Artikolu 24).

L-Artikolu 25 u l-Artikolu 32 tar-Regolament jirrikjedu li l-kontrolluri "*jikkunsidra[w] l-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, l-ispejjeż tal-implimentazzjoni u n-natura, l-ambitu, il-kuntest u l-finijiet tal-ipproċessar kif ukoll ir-riskji ta' probabbiltà u gravità li jvarjaw għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi kkawżati mill-ipproċessar*". Aktar milli huma obbligu ta' għan, dawn id-dispożizzjonijiet jintroduċu obbligi ta' mezzi, jiġifieri, il-kontrollur jeħtieġ li jagħmel il-valutazzjonijiet meħtieġa u jasal għal l-konklużjonijiet xierqa. Il-mistoqsija li l-awtorità superviżorja mbagħad għandha twieġeb hija sa fejn il-kontrollur "għamel dak li kien mistenni li jagħmel" meta titqies in-natura, l-iskopijiet jew id-daqs tal-ipproċessar, kif jidher fid-dawl tal-obbligi imposti fuqhom mir-Regolament.

F'din il-valutazzjoni, għandha jittieħed kont b'mod xieraq ta' kwalunkwe proċedura jew metodu tal-"aħjar prattika", jekk dawn ikunu jeżistu u japplikaw. Huwa importanti li jiġu kkunsidrati l-istandards tal-industrija, kif ukoll il-kodiċijiet ta' kondotta fil-qasam jew fil-professjoni rilevanti. Il-kodiċijiet tal-prattika jistgħu jagħtu indikazzjoni dwar x'inhi l-prattika komuni fil-qasam u indikazzjoni tal-livell ta' għarfien dwar il-mezzi differenti biex jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' sigurtà tipiċi assoċjat mal-ipproċessar.

Filwaqt li l-aħjar prattika jeħtieġ li tkun l-ideali għal segwitu b'mod ġenerali, għandhom jiġu kkunsidrati ċ-ċirkostanzi speċjali ta' kull każ individwali meta tkun qed ssir il-valutazzjoni tal-grad tar-responsabbiltà.

*(e) kwalunkwe ksur preċedenti rilevanti mill-kontrollur jew mill-proċessur;*

Dan il-kriterju huwa maħsub biex jiġi vvalutat ir-rekord tal-entità li qed twettaq il-ksur. L-awtoritajiet superviżorji jeħtieġ li jikkunsidraw li l-ambitu tal-valutazzjoni ta' hawnhekk jista' jkun pjuttost mifrux minħabba li kull tip ta' ksur tar-Regolament, minkejja li jkun differenti fin-natura minn dak li qed jiġi investigat issa mill-awtorità superviżorja, jista' jkun "rilevanti" għall-valutazzjoni, għaliex jista' jindika livell ġenerali ta' għarfien insuffiċjenti jew injorar tar-regoli tal-protezzjoni tad-*data*.

L-awtorità superviżorja jeħtieġ li tivvaluta:

- Il-kontrollour/il-proċessur wettaq l-istess ksur qabel?
- Il-kontrollur/il-proċessur wettaq ksur tar-Regolament bl-istess mod? (pereżempju bħala konsegwenza ta' għarfien insuffiċjenti tar-rutini li jeżistu fl-organizzazzjoni, jew bħala konsegwenza ta' valutazzjoni tar-riskju mhux xierqa, ma jweġibx għal talbiet mis-suġġett tad-*data* fi żmien xieraq, dewmien mhux iġġustifikat biex jirrispondi għal talbiet eċċ.).

*(f) il-grad ta' kooperazzjoni mal-awtorità superviżorja, sabiex jiġi rimedjat il-ksur u jittaffew l-effetti avversi possibbli tal-ksur;*

L-Artikolu 83 (2) jipprevedi li l-grad ta' kooperazzjoni jista' jingħata "attenzjoni dovuta" meta jkun qed jiġi deċiż dwar jekk tiġix imposta multa amministrattiva u biex jiġi deċiż l-ammont tal-multa. Ir-Regolament ma jagħtix tweġiba preċiża lill-mistoqsija dwar kif jiġu kkunsidrati l-isforzi tal-kontrolluri jew tal-proċessuri biex jiġi rimedjat ksur diġà stabbilit mill-awtorità superviżorja. Barra minn dan, huwa ċar li normalment il-kriterji jiġu applikati meta jiġi kkalkolat l-ammont tal-multa li għandha tiġi imposta.

Madankollu, fejn l-intervent tal-kontrollur ikun ħalla l-effett li l-konsegwenzi negattivi fuq id-drittijiet tal-individwi ma pproduċewx jew kellhom impatt aktar limitat minn kemm kienu jħallu, dan ukoll jista' jiġi kkunsidrat fl-għażla tal-miżura korrettiva li hija proporzjonata fil-każ indivdwali.

Eżempju wieħed ta' każ fejn il-kooperazzjoni mal-awtorità superviżorja tista' tkun rilevanti għal kunsiderazzjoni jista' jkun:

- L-entità rrispondiet b'manjiera partikolari għat-talbiet tal-awtorità superviżorja matul il-fażi ta' investigazzjoni f'dak il-każ speċifiku, li bħala riżultat illimitat b'mod sinifikanti l-impatt fuq id-drittijiet tal-individwi?

Minkejja dan, ma jkunx xieraq jekk tingħata attenzjoni addizzjonali għal kooperazzjoni li diġà hija meħtieġa mil-liġi, pereżempju, f'kull każ, l-entità hija meħtieġa li tippermetti lill-awtorità superviżorja aċċess għall-bini għal verifiki/spezzjonijiet.

*(g) il-kategoriji ta'* data *personali affettwati mill-ksur;*

Xi eżempji ta' mistoqsijiet ewlenin li l-awtorità superviżorja tqis li huwa meħtieġ li tweġibhom hawnhekk, jekk ikunu xierqa għall-każ, huma:

- Il-ksur jinvolvi pproċessar ta' kategoriji speċjali ta' *data* stipulati fl-Artikoli 9 jew 10 tar-Regolament?
- Id-*data* tista' tiġi identifikata direttament/identifikata indirettament?
- L-ipproċessar jinvolvi *data* li t-tixrid tagħha jikkawża dannu/diffikultà immedjata lill-individwu (li ma jaqax fil-kategorija tal-Artikolu 9 jew 10)?

- Id-*data* hija disponibbli direttament mingħajr protezzjonijiet tekniċi, jew hija kriptata[13]?

*(h) il-mod li bih il-ksur sar magħruf mill-awtorità superviżorja, b'mod partikolari jekk, u jekk ikun il-każ sa fejn, il-kontrollur jew il-proċessur innotifika l-ksur;*

Awtorità superviżorja tista' ssir taf dwar il-ksur bħala riżultat ta' investigazzjoni, ilmenti, artikli fl-istampa, pariri anonimi jew notifika mill-kontrollur tad-*data*. Skont ir-Regolament, il-kontrollur għandu obbligu li jinnotifika lill-awtorità superviżorja dwar ksur ta' *data* personali. Fejn il-kontrollur sempliċiment jissodisfa dan l-obbligu, il-konformità mal-obbligu ma tistax tiġi interpretata bħala fattur attenwanti/mitiganti. B'mod simili, kontrollur/proċessur tad-*data* li jkun aġixxa b'mod traskurat mingħajr ma nnotifika, jew għall-inqas mingħajr ma nnotifika d-dettalji kollha tal-ksur minħabba nuqqas li jivvaluta b'mod adegwat il-limitu tal-ksur ukoll jista' jitqies mill-awtorità superviżorja li jistħoqqlu piena aktar serja, jiġifieri aktarx mhux ser jiġi kklassifikat bħala ksur minuri.

*(i) fejn miżuri msemmija fl-Artikolu 58(2), ikunu ġew ordnati minn qabel kontra l-kontrollur jew il-proċessur ikkonċernat fir-rigward tal-istess suġġett, il-konformità ma' dawk il-miżuri;*

Kontrollur jew proċessur jaf diġà jkun ġie nnutat mill-awtorità superviżorja biex isir monitoraġġ tal-konformità tiegħu wara ksur u kuntatti preċedenti mal-UPD, fejn dawn ikunu jeżistu, aktarx li kienu estensivi. Għalhekk, l-awtorità superviżorja ser tikkunsidra l-kuntatti preċedenti.

Għall-kuntrarju tal-kriterji f'(e), dan il-kriterju tal-valutazzjoni jfittex biss li jfakkar lill-awtoritajiet superviżorji biex jirreferu għall-miżuri li huma nfushom kienu ħarġu qabel lill-istess kontrollur jew proċessuri "*li jirrigwardaw l-istess suġġett*".

*(j) l-aderenza mal-kodiċijiet approvati ta' kondotta skont l-Artikolu 40 jew mal-mekkaniżmi approvati ta' ċertifikazzjoni skont l-Artikolu 42;*

L-awtoritajiet superviżorji għandhom dmir li "*[j]immonitorja[w] u [j]infurza[w] l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament,* (l-Artikolu 57 1 (a))". L-aderenza ma' kodiċijiet ta' kondotta approvati tista' tintuża mill-kontrollur jew mill-proċessur bħala mod kif tintwera l-konformità, skont l-Artikoli 24 (3), 28 (5) jew 32 (3).

Fil-każ ta' ksur ta' xi waħda mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament, l-aderenza ma' kodiċi ta' kondotta approvata tista' turi kemm hi komprensiva l-ħtieġa li jsir intervent permezz ta' multa amministrattiva effettiva, proporzjonata u dissważiva jew permezz ta' miżura korrettiva oħra mill-awtorità superviżorja. Il-kodiċijiet ta' kondotta approvati , skont l-Artikolu 40 (4), ser ikun fihom "*mekkaniżmi li jippermettu lill-korp (ta' monitoraġġ) biex iwettaq il-monitoraġġ obbligatorju ta' konformità mad-dispożizzjonijiet tiegħu*".

Meta l-kontrollur jew il-proċessur ikun aderixxa ma' kodiċi ta' kondotta approvata, l-awtorità superviżorja tista' tkun issodisfata li l-komunità tal-kodiċi inkarigata mill-amministrazzjoni tal-kodiċi tieħu l-azzjoni xierqa hi stess kontra l-membru tagħha, pereżempju permezz ta' skemi ta' monitoraġġ u infurzar tal-kodiċi ta' kondotta stess. Għalhekk, l-awtorità superviżorja tista' tikkunsidra li dawn il-miżuri jkunu effettivi, proporzjonati jew dissważivi biżżejjed f'dak il-każ partikolari mingħajr il-ħtieġa li jiġu imposti miżuri addizzjonali mill-awtorità superviżorja nfisha. Ċerti forom ta' sanzjonar ta' mġiba mhux konformi jistgħu jsiru permezz tal-iskema ta' monitoraġġ, skont l-Artikolu 41 (2) c u 42 (4), inkluża s-sospensjoni jew l-esklużjoni tal-kontrollur jew tal-proċessur ikkonċernat mill-komunità tal-kodiċi. Madankollu, is-setgħat tal-korp ta' monitoraġġ huma "*mingħajr preġudizzju għall-kompiti u s-setgħat tal-awtorità superviżorja kompetenti*", li jfisser li l-awtorità superviżorja ma

[13] Li l-ksur jikkonċerna biss *data* identifikabbli indirettament jew saħansitra *data* psewdonima/kriptata ma' għandux jiġi kkunsidrat dejjem bħala fattur mitiganti "addizzjonali". Għal dak il-ksur, valutazzjoni ġenerali tal-kriterji l-oħra tista' tagħti indikazzjoni moderata jew b'saħħitha li għandha tiġi imposta multa.

għandhiex l-obbligu li tikkunsidra s-sanzjonijiet li ġew imposti qabel li jappartjenu għall-iskema tal-awtoregolamentazzjoni.

Nuqqas ta’ konformità mal-miżuri tal-awtoregolamentazzjoni jista’ jiżvela wkoll in-negliġenza jew l-imġiba intenzjonali ta’ nuqqas ta’ konformità tal-kontrollur/tal-proċessur.

*(k) kwalunkwe fattur aggravanti jew mitiganti applikabbli għaċ-ċirkostanzi tal-każ, bħal benefiċċji finanzjarji miksuba, jew telfiet evitati, direttament jew indirettament, mill-ksur.*

Id-dispożizzjoni nfisha tagħti eżempji ta’ liema elementi oħra jistgħu jiġu kkunsidrati meta tkun qed tittieħed deċiżjoni dwar l-adegwatezza ta’ multa amministrattiva għal ksur tad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 83(4-6).

L-informazzjoni dwar il-profitt li jinkiseb bħala riżultat ta’ ksur tista' tkun partikolarment importanti għall-awtoritajiet superviżorji, peress li akkwist ekonomiku mill-ksur ma jistax jiġi kkumpensat permezz ta’ miżuri li ma jkollhomx komponent finanzjarju. Għaldaqstant, il-fatt li l-kontrollur kien approfitta mill-ksur tar-Regolament jista’ jiskkostitwixxi indikazzjoni qawwija li jeħtieġ li tiġi imposta multa.

# IV.Konklużjoni

Riflessjonijiet dwar il-mistoqsijiet bħal dawk previsti fit-taqsima preċedenti ser jgħinu lill-awtoritajiet superviżorji jidentifikaw, mill-fatti rilevanti tal-każ, dawk il-kriterji li huma l-aktar utli biex tintlaħaq deċiżjoni dwar jekk għandhiex tiġi imposta multa amministrattiva xierqa flimkien ma' miżuri oħra taħt l-Artikolu 58 jew minflokom. Filwaqt li tikkunsidra l-kuntest li jingħata minn valutazzjoni bħal din, l-awtorità superviżorja ser tidentifika l-aktar miżura korrettiva effettiva, proporzjonata u dissważiva biex twieġeb għall-ksur.

L-Artikolu 58 jagħti xi gwida dwar liema miżuri tista' tagħżel awtorità superviżorja, peress li l-miżuri korrettivi fihom infushom huma differenti fin-natura u primarjament huma xierqa biex jinkisbu skopijiet differenti. Jista' jkun possibbli li xi wħud mill-miżuri fl-Artikolu 58 jiġu akkumulati, biex b'hekk tinkiseb azzjoni regolatorja li tinvolvi aktar minn miżura korrettiva waħda.

Mhux dejjem huwa neċessarju li l-miżura tiġi supplimentata bl-użu ta' miżura korrettiva oħra. Pereżempju: L-effettività u d-dissważività tal-intervent mill-awtorità superviżorja bil-kunsiderazzjoni dovuta tagħha ta' x'inhu proporzjonali għal dak il-każ speċifiku jistgħu jinkisbu permezz tal-multa waħedha.

Essenzjalment, l-awtoritajiet huma meħtieġa li jerġgħu jiksbu konformità permezz tal-miżuri korrettivi kollha disponibbli għalihom. L-awtoritajiet superviżorji ser ikunu meħtieġa wkoll jagħżlu l-aktar mezz xieraq biex isegwu azzjoni regolatorja. Pereżempju, dan jista' jinkludi sanzjonijiet penali (fejn dawn ikunu disponibbli fil-livell nazzjonali).

Il-prattika tal-applikazzjoni konsistenti tal-multi amministrattivi madwar l-Unjoni Ewropea hija arti li dejjem tevolvi. Għandhom jittieħdu azzjonijiet mill-awtoritajiet superviżorji li jaħdmu flimkien biex itejbu l-konsistenza fuq bażi kontinwa. Dan jista' jinkiseb permezz ta' skambji regolari permezz ta' sessjonijiet ta' ħidma ta' trattament tal-każijiet jew avvenimenti oħra li jippermettu t-tqabbil tal-każijiet mil-livelli subnazzjonali, nazzjonali u transfruntier. Huwa rakomandat il-ħolqien ta' sottogrupp permanenti li jintrabat ma' parti rilevanti tal-EDPB biex jingħata appoġġ lil din l-attività kontinwa.